**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**

**Appell Nru: 165/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Marthese Micallef )**

**Vs**

**-----omissis----**

**CARMELO SIVE CHARLES SAID**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmelo sive Charles Said talli fl-4 ta'Lulju, 2001, u fil-granet ta'qabel gewwa Bingemma limiti tar-Rabat :

1. ezercita dritt li jippretendi li ghandu u dana meta kontra l-ligi mblokka l-entratura tat-triq li twassal ghal go l-inhawi mgharufa bhal ta' Bu Nuhhala ;
2. Kontra l-ligi assuma funzjoni pubblika bla jedd jew awtorizzazzjoni minn awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-5 ta'Settembru, 2001, li biha sabet lill-Carmelo sive Charles Said mhux hati tat-tieni imputazzjoni w illiberatu minnha, filwaqt li sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu Lm50 Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo sive Charles Said ta' l-14 ta'Settembru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikonfermaha fil-parti liberatorja taghha, tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati w tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-provi li din il-Qorti, fil-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni, semghet mill-gdid sabiex tara jekk l-ewwel Qorti kienetx manifestament zbaljata fl-apprezzament taghha ta' dawk il-provi b'konkluzzjonijiet daqtsant manifestament zbaljati, hi ma ssib ebda raguni legalment valida l-ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata minn dik il-Qorti jew li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li ghamlet hi ghal dak li sar mill-ewwel Qorti.

L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb fis-sens li in bazi tal-provi li hemm f'dawn l-atti, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li effettivament waslet ghalihom.

Ghalhekk l-appell ta'Carmelo sive Charles Said huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.